MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 313/2007

**Dr Alfred Sant (ID 267948M)**
**vs**
**Dr Austin Gatt (ID 550553M)**

Illum 30 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fil-11 ta' Ottubru 2007 fejn huwa talab lill dina l-Qorti tiddikjara kliem illi kien qal l-intimat waqt il-Kunsill Generali tal-Partit Nazzjonalista fis-7 ta' Ottubru 2007 dwar ir-rikorrenti kienu allegazzjonijiet foloz u malafamanti u ghalhekk il-Qorti kemma tikkundannah ihallas dik is-somma li jdhrilha xierqa il-Qorti bhala penali.

Rat ir-risposta tal-intimat ippresentat fit-12 ta' Novembru 2007 fejn l-intimat iddikjara illi ma kien hemm xejn libelluz fid-diskors tieghu izda kien biss 'fair comment'.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent moghtija fit-28 ta' Novembru 2007 u d-dokument ossija VDV minnu esebita.

Rat illi r-rikorrent, fid-9 ta' Dicembru 2008, ippresenta estratt tad-diksors illi kien ghamel ir-rikorrent u iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi, minn tali seduta, saru tmintax-il seduta fejn jew il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu jew inkella ma sar xejn.

Rat illi fit 2 ta' Novembru 2012, il-konsulent legali tal-intimat ivverbalizza s-segwenti ... "*ghan-nom ta' l-intimat jiddikjara li qed jirtira l-allegazzjonijiet fil-pubblikazzjoni de quo u meritu tal-kawza odjerna u ghalhekk mhux ser iressaq provi*"

Rat illi sussegwentement, il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti, liema noti ma sarux.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna hija kawza ta' libell intavolata fl-eqqel ta' kampanja eletteroli tas-sena 2008 bejn ir-rikorrent, illi dak iz-zmien kien il-Kap tal-Partit Laburista illi kienu fl-opposizzjoni u Dr Austin Gatt, illi kien Ministru fi hdan il-Gvern Nazzjonalista ta' dak iz-zmien.

Illi, bhalma jsir f'kull kampanja elettorali, il-partiti jorganizzaw hafna attivitajiet u laqghat, kif ukoll konferenzi sabiex jiddiksutu l-proposti taghhom u jxandru l-hsibijiet taghhom bil-ghan illi jqanqlu lic-cittadin u jhajjruh sabiex jivvota favur taghhom fl-elezzjoni illi kienet gejja.

Illi, fil-kaz odjern, il-Partit Nazzjonalista kien organizza Konferenza Generali tal-Partit Nazzjonalista gewwa l-Eden Arena, San Giljan, u fis-7 ta' Ottubru 2007, l-intimat kien ghamel diskors. Tali dikors, li gie kkunsidrat malafanti da parte tar-rikorrenti, kien is-segwenti:-

"*Nibdew b'cajta llum. Pero ma tghoddx fit-tlett minuti Vic. Nahseb hafna minnkhom tafu illi Discovery Channel ghandu programm jismu Altered Statesmen. Janalizza numru ta' nies li kienu fil-poter u li allegatament kellhom problemi ta' xorb jew inkella kienu jibilghuhom waqt li jiddeciedu. Wara Birzebbugia hasbu li kienu ser izidu puntata imma Dr Sant hareg qalilhom, le, kien normali. Ried jaghmel cajta.*"

Illi r-rikorrent sar jaf b'tali diskors u hassu malafamat bil-kontenut tieghu u ghalhekk, erbat ijiem wara, fil-11 ta' Ottubru 2007, intavola il-proceduri odjerni.

Illi fit-2 ta' Novembru 2012, l-intimat irtira l-kliem kollha illi qal fil-konfront tar-rikorrent

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, ma tistax ma tinnutax b'dispjacir kbir id-dewmien illi tali proceduri kienu sottoposti unikament minhabba insistenza da' parte tal-partijiet quddiemha, ghal zmien twil, sabiex sentenza ma tinghatax ghax il-partijiet qed jippruvaw jittransigu. Tali dewmien, certament mhux attribwibbli ghal xi nuqqas da' parte tal-Qorti, certament jwassal sabiex il-gustizzja ma ssirx kif misthoqq u fiz-zmien opportun, u l-Qorti ma tistax ma tinnutax tali fatt b'dispjacir kbir.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-fatti tal-kaz, il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-verbal tat-2 ta' Novembru 2012 fejn l-intimat irtira l-allegazzjonijiet kollha illi kien ghamel fil-konfront tar-rikorrent madwar hames snin qabel.

Illi, kif inhuwa ben risaput, il-livell ta' kritika accettabli dwar kummenti relatati ma' persuni pubblici huwa ferm oghla minn dik ta' cittadin normali, u di fatti, fil-kaz "**Lingens vs Austria (1986)**" li hija meqjusa bhala l-"bench mark" ghal

decizjonijiet li fihom jinvolvu kummenti rigward persuni pubblici jew politici jintqal, fost affarijiet, illi

"*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevidably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and public at large .........*"

Tali principju gie re-konfermat mill-istess Qrati fil-kaz **Oberschlick vs Austria** deciz fl-1991.

Il-Qorti, madakallu, thoss illi ghandha tmur oltre u tikkontendi li, f'realta ta' Elezzjoni Generali, meta l-politici bejniethom ikunu qieghdin jaghmlu minn kollox sabiex jiskreditaw il-parti opposta bil-ghan illi jiehdu vantagg politiku, il-livell ta' kritika accettabbli ghandha tkun oghla minn kummenti ohra illi jinghaddu mhux f'kampanja elettorali. Dana qieghed jinghad ghax tali kummenti, la darba jinghaddu meta tkun ghaddejja kampanja elettorali, jigu interpretati mic-cittadin komuni b'ottika aktar permessiva minn normal, peress illi huma a korrent tal-fatt illi ghaddejja kampanja elettorali fejn il-Partiti '*exchange blows*', kif jghidu l-Inglizi, fuq kull kwistjoni illi tista b'xi mod taght xi vantagg politiku.

Il-Qorti qieghda tghid dana kollux, peress illi hija, fl-ezami dwar jekk hemmx ingurja jew le, ghandha ukoll tezamina l-effetti ta' dak li intqal u l-'animus ingurjandi' tal-min ikun qalha. Kif qal **Gatley on Libel and Slander**:-

"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words

he has used’. ‘It is not the defendant’s intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel’ but ‘what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it’."

Illi ghalhekk, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk dak li jkun inkiteb huwiex libelluz, wiehed ghandu jikkunsidra kif jifhmu “a reasonable fair minded man”, igifieri cittadin ordinarju, ta’ intelligenza normali. Bhalma intqal fil-kawza fl-ismijiet **Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat** deciza mill-Qorti ta’ l- Appell fit-22 ta’ Lulju 1984:-

“wiehed mill-aktar principji fondamentali in materja ta’ ingurja bl-istampa hija illi dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba inkriminata hu normalment fattur estraneju, u dan ghaliex dak li hu importanti hu dak li jkun gie miktub u kif dan jinftiehem minn persuna ta’ intelligenza ordinarja”.

**Ikkunsidrat**

Illi, fil-kaz odjern, il-kummenti illi ghadda l-intimat dwar ir-rikorrent certament kienu ta' natura personali fil-konfront tieghu u attakkaw l-integrita tal-persuna tieghu billi semmew zewgt affarjiet illi s-socjeta ta' llum ghandha tinkwieta hafna dwarhom - il-problema tax-xorb, u il-problema tad-drogi.

Illi, huwa minnu li l-intimat ma ghamilx referenza diretta la ghal fatt illi r-rikorrenti ghandu tali problemi u lanqas ghal fatt illi kien hemm drogi involuti. Madanakollu, il-fatt illi huwa semma programm televiziv illi jezamina persuni politici bi problemi ta' xorb u drogi u, fl-istess nifs, isemmi lir-rikorrent fuq kaz illi kien inqala ftit jiem qabel huwa

'innuendo' car li l-intimat kien qieghed jaghmel konnessjoni bejn problemi ta' xorb u drogi u ir-rikorrent.

Illi, bhalma ga qalet il-Qorti, f'kampanja elettorali, il-livell ta' kummenti joghla aktar minn normal, u ghalhekk il-livell ta' kritika accettabbli ghandha toghla wkoll, u dana peress illi l-partiti, f'dak il-mument, ikunu qishom zewgt kontendenti go glieda tal-boxing, fejn ixejjru daqqiet lill-xulxin, minflok bil-ponn, bil-kliem, bil-ghan illi jwaqqghu lill-avversarju.

Illi, madanakollu, dejjem fl-ambitu tal-isport tal-boxing, certament il-kumment illi ghamel l-intimat fuq ir-rikorrent ghandu jitqies bhala '*below the belt*' u certament ma jistax ikun injorat minn dina l-Qorti bhala tali.

Ghalhekk, il-Qorti tqis illi tali kummenti kienu kemm foloz, kif attwalment ammess mill-intimat stess meta huwa irtira l-kliem li qal, kif ukoll maladamanti fil-konfront tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ambitu tad-danni illi ghandhom jigu mghoddija b'rizultat ta' tali decizjoni, il-Qorti trid tevalwa kemm l-ambitu fejn intqalu tali kliem, kif ukoll l-effetti illi tali decizjoni ghandha fil-konfront tar-rikorrent u d-dannu reali illi l-istess rikorrent sofra rizultat tal-kumment.

Il-Qorti tinsab certa li fil-kamp politiku, huwa ferm aktar importanti id-decizjoni tal-punt ta' dritt, ossija jekk kienx hemm malafama jew le, aktar milli id-danni illi ghandhom jinghataw rizultat ta' danni sofferti. Dana qieghed jinghad ghax, fil-kamp politiku, wiehed irid jistenna li jinghaddu kliem libelluzi fil-konfront tieghek, u ghalhekk, danni finanzjarji ftit li xejn jirrizultaw.

Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi huwa aktar importanti, f'kawza ta' libell bejn politici, li tinghata anqas importanza lejn l-aspett finanzjarju tad-decizjoni u jigi kkunsidrat aktar il-punt ta' dritt illi jkun gie deciz.

Apparti minn hekk, certament il-Qorti ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni it-tul esagerat illi tali kawza hadet unikament rizultat ta' dilungar inutili da' parte taz-zewgt partijiet fil-kawza.

Tali konsiderazzjonijiet, ghalhekk, ser jkunu l-bazi tad-decizjoni tal-Qorti.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Rat il-provi kollha u x-xhieda kollha prodotta,

Ghamlet il-konsiderazzjonijiet kollha kif fuq esposti, u ghalhekk,

**Tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat,

**Tilqa** t-talbiet attrici,

**Tiddikjara** il-kliem li qal l-intimat fis 7 ta' Ottubru 2007 fil-konfront tar-rikorrent bhala allegazzjonijiet foloz u malafamanti u

**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elf Euro (€1,000) in linea ta' danni a tenur tal- Artikolu 28 (1) tal-Kap 248.

Spejjez tal-proceduri ikunu kollha a karigu tal-intimat.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------